TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**CCT 105/15/MS**

**Carmen Tonna**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 10 t' Awissu, 2015

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrenti prezentata fid-19 ta' Mejju 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tad-19 ta' Gunju 2015 fejn cahdu t-talbiet rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kaz, sema' x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra**

Illi jirrizulta mill-provi illi fit-3 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti xtrat sistema ta' *solar water heating* minghand is-socjeta' intimata, liema sistema kienet kapacita' ta' tlett mitt litri ilma u kienet koperta ukoll b'garanzija ta' hames snin. Fil-kors ta' din il-garanzija, u cjoe' f'xi zmien f'Marzu tas-sena 2015, saritilha l-hsara u ghalhekk hija gabet *electrician* taghha d-dar li ta parir illi ma jiftahx il-control panel minhabba l-garanzija. Ir-rikorrenti ghalhekk cemplet lis-socjeta' konvenuta. Huma marru jispezzjonaw is-sistema u eventwalment sabu li kien hemm difett fil-*control panel* minhabba 'loose contact.'

Illi s-socjeta' konvenuta dehrilha illi dan ma kienx kopert bil-garanzija u talbuha hlas ta' sitta u tmenin Euro (€86.00) biex ibidlulha l-*control panel*. Dan il-hlas sar u l-*control panel* gie mibdul. Barra minn hekk, is-socjeta' konvenuta biddlet ukoll it-tank tal-ilma. Fuq it-tank il-gdid, kien hemm immarkat illi kien ta' kapacita' ta' 250 litres. Mat-tank biddlu wkoll is-*sensors* peress illi dawk originali ma kienux qeghdin jimmarkaw il-kontenut tat-tank korrettement. Is-socjeta' konvenuta ma talbet l-ebda hlas ghal dan it-tank u ghal bdil tas-*sensors*.

Illi r-rikorrenti dehrilha illi bil-bdil tat-tank naqsulha il-kapacita' tal-ilma fis-sistema mit-tlett mija (300) ghal mitejn u hamsin (250). Dehrilha ukoll illi r-raguni moghtija mis-socjeta' konvenuta bhala 'act of God' ghal hsara fil-*control panel* ma kenitx wahda veritjera u ghalhekk talbet il-bdil tat-tank ghal wiehed akbar ta' tlett mitt litru kif ukoll ir-rifuzjoni tas-sitta u tmenin Euro (€86.00) imhallsa indebitament.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta' intimata spjegat illi s-sistema originali installata ghand ir-rikorrenti kienet wahda ta' tlett mitt (300) litru, u dan jinkludi il-kapacita' tal-ilma fis-sistema kollha u cjoe' t-tank u l-pajpijiet. It-tank wahdu

jesa mitejn u hamsin (250) litru. Meta tixtri s-sistema l-ewwel darba dina tindikalek kapacita' ta' tlett mitt (300) litru, pero, meta tixtri t-tank wahdu, dana jindikalek mitejn u hamsin (250) litru. B'daqshekk ma jfissirx illi s-sistema shiha kif inhi, m'ghandhiex il-kapacita' originali ta' tlett mitt (300) litru. Di piu' kif spjega r-rapprezentant tas-socjeta' intimata taht gurament, tank differenti ma kienx jaqbel mal-qpija tas-sistema u ma jkunx jista' jigi mqabbel mal-pajpijiet ezistenti.

Illi fuq dan il-punt it-Tribunal jidhirlu illi l-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta' intimata hija veritjera u jaghmel hafna sens tekniku u hu sodisfatt illi r-rikorrenti ma tilfet xejn fil-volum tal-ilma mis-sistema illi kellha qabel u illum xorta ghandha l-istess volum ta' ilma illi kellha meta xtrat is-sistema. Ghalhekk fuq dan il-punt it-Tribunal ma jidhirlux illi r-rikorrenti ghandha ragun.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*control panel* pero, it-Tribunal mhuwiex sodisfatt bl-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Is-socjeta' konvenuta spjegat illi ghandha bord tekniku sabiex jezamina u jaghtiha l-pariri dwar ilmenti teknici imqajma mill-klijenti u jekk dawn humiex koperti bil-garanzija. Minn hu dan il-Bord, kif inhu kompost u x'kien il-parir, is-socjeta' konvenuta ma tghidx u ma ngabu l-ebda provi dwar dan. Is-socjeta' intimata tghid biss illi din il-hsara kienet 'act of God'.

It-Tribunal jirrileva illi biex tigi eccepita l-iskuza ta' act of God, min jeccepiha jrid igib il-provi kollha almenu fuq bazi ta' probabbilita' u ma jistax jitfa skuza generika minghajr provi biex jissustanza dak li qieghed ighid. L-iskuza 'act of God' fiha hafna konnotazzjonijiet u kumbinazzjonijiet x'jigu rilevati biex jigi imwarrab xi intervent tal-bniedem jew diffett tekniku independentent minn tali intervent.

F'dan il-kaz, kif gja nghad is-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova u lanqas ma ppuntat subghajha ghal xi haga irregolari li setghet ghamlet ir-rikorrenti fis-sistema. Ghalhekk li jirrizulta zgur li fit-terminu tal-garanzija is-*sensor* tat-tank inharaq u ma baqax jiffunzjona, u *l-control panel* kellu *loose contact* u kellu jinbidel. Ovvjament kienu n-nies tas-socjeta' konvenuta li nstallaw is-sistema fl-ewwel lok u peress illi ma rrizultax illi xi hadd iehor mess is-sistema, wara li gie installat, jekk kien hemm xi *loose contact*, dana kien tort ta' min installa s-sistema fl-ewwel lok u cjoe' il-haddiema tas-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghar-rifuzjoni tat-sitta u tmenin Euro (86.00) hi gustifikata u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti ghal bdil ta' tank tal-ilma b'kapacita' ta' tlett mitt (300) litru ghar-ragunijiet fuq imsemmija u jilqa' t-talba tar-rikorrenti ghal rifuzjoni ta' sitta u tmenim Euro (€86.00) kif fuq inghad. Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**